DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2016/208

tal-15 ta' Frar 2016

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2015/260 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) u l-Artikolu 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/440/PESK [1] li taħtar lis-Sur Stavros LAMBRINIDIS bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) għad-Drittijiet tal-Bniedem.

(2) Fis-17 ta' Frar 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/260 [2] li testendi l-mandat tar-RSUE sat-28 ta' Frar 2017.

(3) Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/260 tistabbilixxi l-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri l-perijodu mill-1 ta' Marzu 2015 sad-29 ta' Frar 2016. Jeħtieġ li jiġi stabbilit ammont ta' referenza finanzjarja ġdid għall-perijodu mill-1 ta' Marzu 2016 sat-28 ta' Frar 2017.

(4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/260 għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/260, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE mill-1 ta' Marzu 2016 sat-28 ta' Frar 2017 għandu jkun ta' EUR 825 000.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Frar 2016.

Għall-Kunsill

Il-President

F. MOGHERINI

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/440/PESK tal-25 ta' Lulju 2012 li taħtar ir-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (ĠU L 200, 27.7.2012, p. 21).

[2] Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/260 tas-17 ta' Frar 2015 li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem (ĠU L 43, 18.2.2015, p. 29).